# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tlettax (13) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 9 ta' Ġunju, 2011, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti**

3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li tkellem ma' Ħeritage Malta u infurmawħ li x-xogħolijiet fuq is-salib tad-Dejma ma jaqawx taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

4. Il-ground tal-football jista jintuża matul il-ġimgħa, jew weekend, għal attivitajiet tat-tfal Ħal Safin. Il-kunsilliera kienu sodi fid-dikjarazzjoni li l-ground jintuża għal football biss, iżda għall-okkażżjonijiet bħal 'birthdays' it-tfal Ħal Safin għandhom jibbenifikaw b'rati aħjar. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jikteb ir-regolamenti l-ġodda tal-ground.

5. L-artikli u r-riklami għall-fuljett għandhom jinġabru sabiex ikunu ppubblikati f'Ġunju jew fil-bidu ta' Lulju.

6. Il-Kunsill aċċetta talba mingħand is-sur Mario Salerno, President tal MOAM [Malta Organic Agriculture Movement], biex tintuża is-sala għal kors matul is-sajf. Il-MOAM se jmexxi żewġ korsijiet - kors fuq it-trobbija tat-tjur u kors fuq il-frott u l-ħxejjex. In-nies Ħal Safin jistgħu japplikaw għal dawn il-korsijiet u l-Kunsill għandu jmexxi l-kelma meta niġu aġġornati fuq il-proposta. In-nies interessati għandhom jagħtu isimhom lil-Kunsill.

7. Is-sur Alfred Degiorgio qiegħed joffri taħriġ u lezzjonijiet ta'ġinnastika lit-tfal minn tlett snin 'il fuq, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera aċċettaw l-poster u qablu li n-nies interessati għandhom iċemplu l-Kunsill.

8. Il-borża l-ħadra se tinġabar xorta waħda kull nhar ta' Tlieta meta din il-ġurnata taħbat festa. Dan il-messaġġ għandu jkun miktub fil-fuljett.

**Korrispondenza**

9. Il-Kunsill irċieva talba sabiex is-sala jintuża għall-attivitajiet tas-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini. Huma jixtiequ jagħmlu klassijiet tal-cardio [nhar ta Tnejn], zumba [L-Erbgħa] u kickboxing [il-Ħamis] mis-7.30pm matul is-sajf. Il-kunsilliera aċċettaw it-talba.

10. Is-sur Alexis Callus bagħat email b'artiklu għal fuljett dwar l-attivita li organizza hu fit-2 ta'Ġunju meta ġew il-kor Svediż ġol Parroċċa ta' Ħal Safi. Qal ukoll li hemm DVD tal-okkażżjoni għal bejgħ. Il-kunsilliera aċċettaw l-artiklu u r-riklam.

11. Is-sur Yury Zammit xtaq ikun jaf għala post tal-parkeġġ tneħħa fi Triq il-Kenn. Il-Kunsill ma kienx jaf bis-sitwazzjoni u qalu ma sarx bl-ordni tal-Kunsill. Fl-istess email is-sur Zammit ippropona isem ta sinjura li jara kapaċi biex tkun 'story-teller għat-tfal waqt Jum Ħal Safi. Il-kunsilliera rringrazzjawħ għal interventi tiegħu, filwaqt li s-sur Publius Abdilla qal li diġa għandna l-ħsieb li nagħtu x-xogħol tas-'story-teller' lil xi ħadd. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jikkuntatja lil din il-persuna.

12. Is-sur Gabriel Ebejer u s-sinjura Maria Ebejer tal-Moviment Ortikultura Maltija pproponu li jagħmlu l-attivita għall-isbaħ faċċata/gallerija waqt Jum Ħal Safi. Il-kunsilliera aċċettaw il-proposta u jixtiequ jiltaqaw mas-sinjuri Ebejer biex jaqsmu izjed informazzjoni. Ħa jkun hemm ftit informazzjoni fuq l-attivita fil-fuljett li jmiss.

13. Kayley Cuschieri, tfajla li kantat f'Jum Ħal Safi, kitbet nota żgħira għal fuljett. Il-kunsilliera aċċettaw l-artiklu tagħha.

**Ħwejjeġ oħra**

14. Is-Sindku qal lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv biex jibgħat email lid-Direttur tad-Dipartament tagħna għal stħarriġ dwar il-konfini bejn Safi u Żurrieq peress li ma smajna xejn minn meta qajjimna is-suġġett.

15. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li hemm bżonn li noħorġu żewġ tenders - għal Cleaner u għal Contracts Manager.

16. Il-kunsilliera qablu li għandna nagħmlu bankina ġdida fi Triq in-Nassaba.

17. Il-kunsilliera qablu wkoll li għandhom jinzebgħu postijiet tal-parking fi Triq l-Iskola.

18. Għat-triq il-ġdida li hemm bejn Triq il-Kuċċard u Triq in-Nassaba, il-kunsilliera ħadu deċizzjoni li jssemu t-triq għal Xandru Farrugia [statwarju 1791-1871].

19. Ħaddiem tal-Kunsill qala' ċitazzjoni waqt xogħol għal Kunsill. Peress li l-persuna kien qed jagħmel xogħol f'isem il-Kunsill, il-kunsilliera ikonkludew li għandna nħalsu ċ-ċitazzjoni.

20. Is-sur Publius Abdilla qal li waqt Skola Sajf, it-tfal għandhom jużaw gym għad-dell, u mhux barra biex jiffrankaw is-sħana tax-xemx, wara talba minn diversi ġenituri biex ma jħallux it-tfal barra.

21. Is-sur Abdilla qal ukoll li fit-28 ta' Ġunju qed jorganizza ħarġa għal Buskett bejn is-7.30pm u 11.30pm. Se jkun hemm attivitajiet biex jiċċellebraw l-Imnarja.

22. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat lill-kumpanija tal-KopTaCo għax hemm truck li qed jieħu l-parking go triq Il-Ħajt Ruman.

23. Għandhom jintwaħħlu bollards f'triq San Tumas u f'Misraħ San Ġużepp.

24. Il-kunsilliera approvaw il-Payment Approval Sheets nos 12

25. Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm. Partijiet tal-aġenda se jiġu diskusi fil-laqgħa li jmiss.

26. Il-laqgħa li jmiss se tkun fis-22 ta' Ġunju 2011.

Approvati llum 22/06/2011

Sindku Deputat Segretarju Eżekuttiv